Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 26 I

Volum 66

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

30 ta' Jannar 2023

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/192 tat-30 ta' Jannar 2023 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** 1

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/193 tat-30 ta' Jannar 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** 4

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/192

tat-30 ta' Jannar 2023

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

(3) L-Iran jipprovdi appoġġ militari għall-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li entità involuta fl-iżvilupp u l-kunsinna ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord lir-Russja jenħtieġ li tinżdied mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(4) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
P. KULLGREN

ANNESS

L-entità li ġejja tinżdied mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"175.	Iran Aircraft Manufacturing Industries Corporation (HESA) شرکت صنایع هواپیماسازی ایران	Indirizz: Sepahbod Gharani Avenue 107, Tehran, Iran Tip ta' entità: Manifattur ajruspazjali Korporazzjoni ta' proprjetà tal-gvern Post tar-reġistrazzjoni: Isfahan, l-Iran Data tar-reġistrazzjoni: 1977 Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	Iran Aircraft Manufacturing Industries Corporation (HESA) hija kumpannija Iranjana speċjalizzata fil-manifattura ta' inġenji tal-ajru militari u ċivili, u vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs). Il-HESA timmanifattura UAVs użati mill-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) u l-HESA hija involuta fir-riċerka dwar UAVs, l-iżvilupp, il-produzzjoni, u l-operazzjonijiet ta' titjir tagħhom. Il-HESA hija sussidjarja tal-Iran Aviation Industries Organisation (IAIO), intrapriża ta' proprjetà tal-gvern subordinata għall-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran. L-UAVs prodotti mill-HESA fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-HESA hija responsabbli talli appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	30.1.2023"

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/193

tat-30 ta' Jannar 2023

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ([1]).

(2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

(3) L-Iran jipprovdi appoġġ militari għall-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li entità involuta fl-iżvilupp u l-kunsinna ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord lir-Russja jenħtieġ li tinżdied mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(4) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.

(5) Għalhekk id-Deċiżjoni 2014/145/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
P. KULLGREN

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

ANNESS

L-entità li ġejja tinżdied mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"175.	Iran Aircraft Manufacturing Industries Corporation (HESA) شرکت صنایع هواپیماسازی ایران	Indirizz: Sepahbod Gharani Avenue 107, Tehran, Iran Tip ta' entità: Manifattur ajruspazjali Korporazzjoni ta' proprjetà tal-gvern Post tar-reġistrazzjoni: Isfahan, l-Iran Data tar-reġistrazzjoni: 1977 Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	Iran Aircraft Manufacturing Industries Corporation (HESA) hija kumpannija Iranjana speċjalizzata fil-manifattura ta' inġenji tal-ajru militari u ċivili, u vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs). Il-HESA timmanifattura UAVs użati mill-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) u l-HESA hija involuta fir-riċerka dwar UAVs, l-iżvilupp, il-produzzjoni, u l-operazzjonijiet ta' titjir tagħhom. Il-HESA hija sussidjarja tal-Iran Aviation Industries Organisation (IAIO), intrapriża ta' proprjetà tal-gvern subordinata għall-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran. L-UAVs prodotti mill-HESA fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-HESA hija responsabbli talli appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	30.1.2023"

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT